We Christiansmust be in the forefront to lead by good example, and convince the world that Christ and Christian models are absolutely needed or the solution of human problems. Experience testifies that human endeavour, without God's intervention, fails. Gimmickry and charades of any sort will not work, either, particularly in spiritual and moral absolutes, as truth cannot be compromised nor faith trifled with. Fully aware of our needs. Our Blessed Lord provided us with an accurate map by His teachings, as a directory, to guide us now on our journey, and to lead us to eternal salvation. Besides my gift of Faith, I appeal strongly to Christ because I am a contented Christian and a Catholic priest, at that.

Even common sense persuades me that Christ is totally right. The invisible God, in time and space, revealed Himself to us by sending the Second person of the Blessed Trinity who became man in every respect except sin, to speak our language and tell us about his Eternal Father.

Jesus, God made man, revealed that he equally shared in his Father's Divinity: "I and the Father are one"; "1 am as equal as my Father who is in heaven"; "I am as perfect as my Father"; "He who sees me sees the Father who sent me".

Jesus' exemplary life, teachings, miracles and Resurrection authenticate his dual human and divine natures. He tells us: "1 am the way, the truth and the life" and invites us to follow him, and we will be right. To some extent, Jesus is advising us not to be intimidated by the evils thriving around us. In fact, often we wonder and say: "What is the world is coming to?" Bad news prominently marks human events; crime reigns supreme and the marginalized victims are left to fend for themselves; oftentimes, the defenders of truth are pushed to the back burner.

Our Faith is our strength. We are not to fear crises as our Christian calling is rooted in sharing the life of Our Divine Saviour whose own life was marked by crisis, too. In fact, his mission comes to its ultimate crisis in the Last Supper. Jesus has gathered his disciples around him in a bond of supreme charity; Judas has already sold him; Peter is about to deny him, and most of his disciples will run away.

Jesus' life seems to be drifting away towards failure and defeat, but it is at this moment of crisis that he performs that most hopeful gesture. He takes bread and gives it to the disciples, saying: "This is my body given for you; take and drink, this is my blood ...".

When the Christian community is going to pieces, Jesus proclaims the New Covenant. Every Eucharist that we celebrate enacts the memory of this crisis, endured and transcended. We have nothing to fear from the current crisis. The Church was born in a crisis, and through its history it endured severe crises. But it survived and will continue to do so, until the end of time, as Christ has promised. This survival is further assisted by our Christian models' exemplary lives as they braved dungeons, firesand sword in defence of Christ and his truthful teachings; full of joy, they suffered martyrdom with songs of praise on their lips.

Notable among these, St Francis of Assisi faced trials with joy and courage; he overcome unwarranted criticism; emaciated by penance and stigmata in his frail body, he fearlessly ignored his opponents' ridicule and succeeded in founding the Franciscan Order which enriched the Church with numerous saints. They, in their lifetimes, exerted a tremendous impact of holiness and

*ikompli f'pagna 19*

# VIŻITATUR ĠENERALI LI BAQA' JISSEMMA

**Noel Muscat OFM**

Matul ix-xhur li fihom kont qiegħed nassisti fil-Viżta Kanonika tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, kelli x-xorti li nqalleb il-Kotba tal-Viżitaturi Ġenerali passati. Fosthom sibt il-Viżta Kanonika li kien għamel Fr. Alfons M. Camilleri fl-1965, flimkien ma' Fr. Ivo Tonna, li kien Segretarju tal-Viżta. Kemm Fr. Alfons ħalla impressjoni tajba bħala Viżitatur Ġenerali nista' nixhdu minn dak li qaluli patrijiet anzjani li jiftakruh, imma biżżejjed li nikkwota dak li sibt fil-kronaka tal-kunvent tal-Muntanja Tabor dwar il-Viżta:

«Verso le 4.30 p.m. giungeva al Tabor il M.R.P. Alfonso Camilleri col suo Segretario P. Ivo Tonna per la visita canonica in qualità di Visitatore Generale. Il M.R.P. Visitatore ci ha lasciato il più gradito ricordo per la sua bontà e per la piena comprensione dei problemi vitali del Tabor».

Fr. Alfons ġie maħtur Viżitatur Ġenerali tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, b'eċċezzjoni tal-Kummissarjat Ġenerali ta' Washington, fl-20 ta' Jannar 1965 mill-Ministru Ġeneral ta' dak iż-żmien Fr. Augustinus Sepinski. Fl-14 ta' Frar, mill-kunvent tal-Ħamrun fejn kien residenti, bagħat l-ittra tan-nomina tiegħu lill-Kustodja u ħabbar il-Viżta Kanonika.

Fit-23 ta' Frar 1965 il-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, Fr. Lino Cappiello ħabbar lill-Kustodja l-programm tal-Viżta Kanonika ta' Fr. Alfons. Il-Viżta inbdiet fis-6 ta' Marzu 1965 fil-Kummissarjat Ġenerali ta' Palermo u intemmet fil-25 ta' Mejju fil-kunvent ta' San Salvatur, Ġerusalemm.

Mis-6 sal-11 ta' Marzu 1965 Fr. Alfons żar il-Kummissarjati ta' Palermo, Napli, id-Delegazzjoni ta' l-Art Imqaddsa f'Ruma u l-Kulleġġ Internazzjonali ta' Via Boccea, li kien għadu se jiġi inawgurat. Fil-15 ta' Marzu beda l-Viżta tal-kunventi tas-Sirja, jiġifieri ta' dawk ta' Damasku, Aleppo, l-irħula insara ta' Ghassanieh, Knayeh u Yacoubieh, u l-port ta' Latachia, fejn għamel il-Viżta fit-22 ta' Marzu. Minn hemm niżel mal-kosta u daħal il-Libanu, fejn bejn it-22 u s-26 ta' Marzu żar il-kunventi ta' Tripli, Harissa, Beirut, Sidone, u Tir. Mit-28 ta' Marzu sal-15 ta' April Fr. Alfons żar il-kunventi tal-Kustodja fl-Eġittu. Dak iż-żmien il-Kustodja kellha mas-17 il-kunvent fl-Eġittu, filwaqt li llum fadlilha biss tnejn fil-Kajr, dak ta' San Ġużepp u ċ-Ċentru ta' Studji Orjentali tal-Muski. Mid-19 sal-21 ta' April imbagħad, mar fil-gżira ta' Ċipru, fejn żar il-kunventi ta' Nicosia, Famagusta, Larnaca u Limassol. Mit-22 ta' April sat-2 ta' Mejju Fr. Alfons kien fl-Istat ta' Israel, fil-konfini li kien jokkupa dak iż-żmien, jiġifieri qabel il-Gwerra tas-Sitt Ijiem ta' Ġunju 1967. Għaldaqstant hu żar il-kunventi kollha tal-Galilija, dawk tal-kosta Mediterranja (Akri u Ġaffa), Ramleh, Ain Karem, il-Kulleġġ tat-Terra Santa f'Ġerusalemm il-ġdida u l-kunvent taċ-Cenacolino. L-għada, 3 ta' Mejju, hu daħal fil-Ġordanja, li dak iż-żmien kienet tikkomprendi x-Xatt tal-Punent, u żar il-kunventi ta' Ġeriko, Amman, Emmaus, Betanja, Betfage, u l-kunventi kollha ta' Ġerusalemm il-qadima. L-aħħar post li żar kien il-kunvent ta' San Salvatur, f'Ġerusalemm, fejn dam bejn il-15 u l-25 ta' Mejju 1965.

Wara li temm il-Viżta Kanonika, permezz ta' Ittra ċirkolari, fit-2 ta' Gunju 1965, Fr. Alfons ħabbar il-konvokazzjoni tal-Kungress Kustodjali u n-nomina tad-Diskrieti Kustodjali (dik id-darba ma kienx ġie magħżul il-Kustodju u l-Vigarju Kustodjali). Bejn is-7 u t-19 ta' Ġunju fil-kunvent ta' San Salvatur Fr. Alfons ippresjieda l-laqgħat plenarji tal-Kongregazzjoni Kustodjali (dak iż-żmien ma kienx isir Kapitlu Kustodjali), filwaqt li fl-20 ta' Ġunju 1965 ħabbar il-lista tas-superjuri u l-uffiċċji ġodda tal-Kustodja.

Mill-kitba tiegħu jidher li Fr. Alfons wera ruħu ta' veru missier spiritwali ta' l-aħwa kull fejn mar, għalkemm ma beżax jagħti indikazzjonijiet ċari biex jiġu korretti xi żbalji li kien isib f'diversi kunventi. Il-ħidma metikoluża ta' Fr. Ivo Tonna tidher ukoll fid-diversi kotba ta' amministrazzjoni u reġistri li hu ikkontrolla b'attenzjoni kbira. Fuq kollox laqatni l-istil ta' Fr. Alfons, li ta' spiss juri ruħu kommoss mill-grazzja spiritwali li kien jikseb meta jżur il-Postijiet Qaddisa tal-Fidwa, hekk li l-Viżta Kanonika tiegħu nistgħu nqisuha wkoll bħala djarju spiritwali ta' pellegrinaġġ devot fl-Art Imqaddsa, li sar biss sena wara ż-żjara storika li kien għamel f'Jannar 1964 il-Papa Pawlu VI.

*Nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2004 fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun, saret laqgħa ta' diskussjoni dwar iż-Żjajjar Franġiskani li se jsiru f'Bormla, iż-Żurrieq u ż-Żejtun. Il-laqgħa li tmexxiet mill-Ministru Provinċjal Fra Paul Galea, OFM u Fra Marcello Ghirlando, OFM koordinatur taż-żjajjar u li għaliha kien hemm preżenti ukoll Fra Dijonisju Mintoff, Fra Ġużepp Beneditt...*

# Żjajjar Franġiskani





**...Xuereb, Fra Adrian Cachia, Fra Marcellino Micallef, Fra Martin Coleiro u Fra Stephen Magro. Aħwa oħra li diġa' offrew li jagħtu s-sehem tagħhom huma Fra Ġużepp Camilleri, Fra Richard S. Grech, Fra Noel Muscat, Fra Twanny Chircop, Fra Charles Grech, Fra Joseph Magro u Fra Lorrie Zerafa.**

## FIL-KNISJA TA' SANT' ANTNIN F'GĦAWDEX



Il-ħsieb li tinstab soluzzjoni minħabba l-problema tal-umdita' wassalna biex nagħmlu biċċa xogħol kompletament ġdida. Id-disinn u x-xogħol sar min Ronald Pisani. Fix-xogħol il-ġdid, it-tabernaklu nqala' minn ġol-ħajt fejn kien qabel u reġa' ntuża mill-ġdid it-tabernaklu tal-altar maġġur l-antik tal-knisja. Naturalment sar restawr fuqu. Tpoġġew mill-ġdid l-anġli u l-ħaruf li kien hemm qabel. Li spiċċa huwa l-mużajk tad-deħeb li kien hemm fuq in-naħa ta' wara. Kollox huwa maqlugħ minn mal-ħajt u għandu ventilazzjoni biex possibilment ma jkunx hemm il-problema tal-umdita'. Hekk li issa, il-kumpless jikkonsisti f'altar u tabernaklu li jikkumplimenta ukoll l-faċċata ta' taħt it-titulur. Fl-altar tpoġġiet ukoll il-kaxxa tar-relikwi li kien hemm fl-altar l-antik li għadha bis-sigill tal-Isqof Giovanni Marija Camilleri O.S.A. li kien bierek u kkonsagra l-knisja mitt sena ilu.

# GWARDJAN ĠDID

***Fil-laqgħa tad-Definitorju Provinċjali li saret nhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2004 ġie deċiż:***

- **Fra Christopher Farrugia ġie magħżul bħala gwardjan ġdid għall-fraternita' ta' Għawdex. Fra Christopher se jtemm l-impenn tiegħu f'Londra.**

- **Fra Charles Diacono se jmur Londra biex flimkien ma' Fra Stephen Sciberras jwettqu ħidma pastorali mal-morda Maltin u l-familjari tagħhom, kif ukoll mar-reliġjużi Maltin, b'mod speċjali ma' l-aħwa sorijiet franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu', kif ukoll mal-komunita' ċkejkna tal-Maltin fi Brixton.**

- **Fra Ġużepp Beneditt Xuereb se jingħaqad mal-fraternita' tar-Rabat wara li jtemm l-impenn tiegħu bħala kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, f'tas-Sliema.**

# KORREZZJONI

**It-telephone ta' ħuna Fra Sebastian Camilleri huwa: 0394553295**

# SERVIZZ FIL-LIBYA

**Fra Charles Grech se jmur Benghazi biex jagħti s-servizz għal xahar u nofs. Huwa se jmur il-Libya meta jibdew il-vaganzi tas-sajf għall-istudenti billi huwa għalliem u religious counsellor fil-kulleġġ Del La Salle, f'Bormla**

## Nekroloġju Provinċja Fraġiskana

# April 27

**Patri Ġakkin Grech**, mill-Ħamrun.
Wettaq il-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-kappillan tas-Sacro Cuor, għalliem tal-mużika u kant Gregorjan, pastor u praeses f'St. Paul's Toronto, kappillan militari fil-Kanada, superjur fid-dar tal-Provinċja f' Londra u l-kunvent ta' Santa Marija ta' l-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq, u vigarju fil-kunvent ta' Għawdex.
Kien jagħti konferenzi u eserċizzi spiritwali lis-sorijiet. Għal dawn l-aħħar tliet snin ta' ħajtu kien rikoverat fir-residenza ta' l-anzjani San Vinċenz de Paul, fejn ukoll miet.
Eta' 73 sena, reliġjuż 56, saċerdot 47sena.

## FESTI U BIRTHDAYS

### ĠUNJU 2004

1. Fra Ġustinu Sciortino
2. Fra Marcellino Micallef
6. Fra Norbert Ellul Vincenti
13. Fra Anthony Vella
    Fra Anthony Chircop
    Fra Anthony Briffa
    Fra Anton Farrugia
16. Fra Guido Schembri
24. Fra Ġwann Azzopardi
    Fra Ġwann Abela
    Fra John Muscat
29. Fra Pietru Pawl Meilak
    Fra Pierre Farrugia
30. Fra Raymond Camilleri
7. Fra Anthony Briffa
8. Fra Pierre Farrugia
19. Fra Bernardin Sant
27. Fra Norbert Ellul Vincenti
    Fra Leo M. Ciantar

### LULJU 2004

13. Fra Nerik Cassar
14. Fra Kamillu Aquilina
    Fra Charles Wickman
    Fra Charles Diacono
    Fra Charles Grech
25. Fra Christopher Farrugia
1. Fra Ġużepp B. Xuereb
   Fra George Bugeja
4. Fra Ġużepp Vella
   Fra Raymond Camilleri
7. Fra Albert Gauci
18. Fra Ġorġ Aquilina
27. Fra Ġustinu Sciortino

*Awguri u Xewqat Sbieħ!*

## Il-loghob tan-nar jerga' jdawwal il-Port il-Kbir

# Iccelebrata l-festa tal-Madonna ta' Liesse



Fi tmiem il-gimgha ta 8 u 9 ta' Mejju, il-Port il-Kbir rega' offra spettaklu iehor lill-pubbliku din id-darba bit-tielet edizzjoni tal-Festival tal-Loghob tan-Nar, li fih hadu sehem 21 fabbrika tan-nar li bejniethom ipproducew xoghol mill-aqwa mahdum lokalment. Matul dawn il-jiem giet iccelebrata wkoll il-festa tal-Madonna ta' Liesse.

Devozzjoni li dahlet Malta mill-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Gwann. Kien Fra Giacomo Chenn de Bellay, membru tal-lingwa Franciza li bena minn butu fl-1620, din il-knisja li tinsab bejn Victoria Gate u l-mina ta' Lascaris. Il-Gran Mastru Alof Wignacourt kien prezenti ghat-tberik ta' din il-knisja. Ghall-festa li kienet marbuta mal-festival tan-nar kien hemm it-toroq imzejna ghall-okkazjoni. In-nar kien spettaklu li kompla gibed in-nies. Il-knisja kienet armata b'mod eleganti u dinjituz, kemm minn gewwa u mdawwla minn barra thares lejn il-port.

Matul il-gimgha tal-festa gew mistiedna t-tfal tal-MUSEUM tal-Belt, kif ukoll kor tat-tfal li sarilhom quiz dwar l-istorja tal-Madonna ta' Liesse. Giet ccelebrata adorazzjoni u talb ghall-fejqan. It-trabi gew ipprezentati lill-Madonna. Il-mizzewgin geddew il-weghdiet taz-zwieg. U dawk li huma nvoluti fl-Apostolat tal-Bahar geddew l-impenn taghhom f'riglejn l-artal. Il-Ministru Provincjal Fra Paul Galea, OFM mexxa l-quddiesa u l-purcissjoni li fiha hadu sehem ukoll l-abbatini frangiskani ta' Ghawdex. Fil-jiem tal-festa sar talb ghall-Apostolat tal-Bahar u l-komunita' nisranija setghet tapprezza aktar ix-xoghol siewi li jsir kemm mill-frangiskani, kif ukoll minn lajci mal-bahhara. Xoghol li ilu fir-responsabilta' tal-provincja sa' mill-1961. Fra Paul Attard huwa l-kappillan tal-portijiet u rettur tal-knisja ta' Liesse.



Is-Sibt, l-ewwel jum tal-festival, l-ispettaklu beda b'salut ta' loghob tan-nar u wirja ta' ilma mill-kumpanija Tug Malta u mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Hadu sehem ukoll il-Baned Prince of Wales tal-Birgu u Mount Carmel tal-Gzira li taw kuncerti muzikali tul il-Cruise Liner Terminal, Xatt il-Barriera u anke fuq luzzu fil-Port.

Il-fabbriki tan-nar li hadu sehem din is-sena huma San Gabriel ta' Hal Balzan; Ta' Annetto Portelli ta' Burmarrad; Farrugia Bros ta' Fontana Ghawdex; ta' San Guzepp ta' Hal Ghaxaq u ta' Haz-Zebbug; Tal-Madonna tac-Cintura tal-Gudja; San Leonardu ta' Hal Kirkop; ta' San Mikiel ta' Hal Lija; ta' l-Unione ta' Hal Luqa; ta' Santa Marija ta' l-Imgarr, l-Imqabba u l-Mosta; tal-15 ta' Awissu tal-Mosta; ta' Lourdes tal-Qrendi u ta' San Gwann; tad-19 ta' Marzu tar-Rabat; tat-12 ta' Mejju ta' Haz-Zebbug; tal-25 ta' Novembru taz-Zejtun; ta' San Nikola tas-Siggiewi u ta' Santa Katerina u tal-Karmnu taz-Zurrieq.

Il-festival kompla u lahaq il-qofol tieghu l-Hadd fil-ghaxija bil-purcissjoni tal-Madonna u b'final spettakolari ta' loghob tan-nar minn inhawi differenti tal-Port il-Kbir.

# Sliemiz jirbah il-Premju Zaghzugh tas-Sena 2003



**Ruth Davies**
**10 ta' Mejju, 2004**

David Muscat huwa ir-rebbieh tal-Premju Zaghzugh tas-Sena 2003 organizzat mill Moviment Kerygma. Il-premju rebhu ghal hidma u l-impenn volontarju u generuz tieghu. David, li joqghod tas-Sliema hu wiehed mill-pijunieri tal-grupp 'Youth Alive' (Parrocca Sacro Cuor) fejn jghallem it-tejatru lil hafna tfal, adoloxxenti u zghazagh waqt li jinkorpora wkoll f'din l-attivita persuni b'dizabilita. Dan jaghmlu billi jghaqqad ix-xoghol tieghu bhala *Ability Promoter* fid-Dar tal-Providenza max-xoghol volontarju tieghu. Ghen biex jittelghu attivitajiet varji kemm fuq skala lokali kif ukoll fuq skala nazzjonali. L-introjtu minn dawn l-attivatijiet jintuzaw ghal persuni u familji fil-bzonn. David izomm kuntatt kontinwu ma' organizzazzjonijiet filantopici ohra biex jghinu lil zghazagh li ghaddejjin minn diffikultajiet kbar fil-hajja taghhom biex dawn jiksbu fiducja fihom infushom, u jghinhom jsibu post fejn joqoghdu u fejn jahdmu. David jipprezenta programm tieghu regolarment fuq *Deejay's Radio* u hawn kontinwament jaghti messaggi pozittivi lis-semmieghu tieghu.

Ir-rebbieh tal-premju gie mhabbar mic-Chairman tal-Bord tal-Ghazla, Dr George Abela waqt l-ewwel 'Gathering' tal-Maratona imtella mill-Moviment Kerygma li saret il-Hadd 9 ta' Mejju 2004 fl-Awditorium ta' Sant'Agatha, ir-Rabat.

B'kollox kien hemm tlettax in-nominazzjoni ghal dan il-premju u kollha kienu ta' livell gholi. Dawn huma Roderick Camilleri miz-Zejtun, Ruben Camilleri mill-Gharb, Ghawdex, Jeffrey Cassar min Hal-Ghaxaq, Stefan Cauchi minn San Paul il-Bahar, Graziella Darmanin mill-Iklin, Marvic Debono minn Hal-Tarxien, Lorleen Farrugia minn Hal-Qormi, Chris Galea minn Fontana, Ghawdex, Christopher Gauci minn Naxxar, Francois Lewis (GIFRA Hamrun) minn Santa Venera, ir-rebbieh David Muscat minn tas-Sliema, Petrina Vella minn Birzebbugia u Josephine Xuereb mill-Qala, Ghawdex.

Il-President ta' Malta, Dr Eddie Fenech Adami pprezenta t-trofew lil David Muscat u ferahlu ghal dan is-success. Huwa nkoraggixxa lill-finalisti kollha biex jkomplu fix-xoghol fejjiedi taghhom. Il-President indirizza wkoll in-numbru kbir ta' zghazagh prezenti fis-sala li applikaw biex jghinu bhala voluntiera fil-Maratona tal-Volleyball ta' din is-sena. Hu rringrazzjhom f'isem il-poplu Malti ghall-impenn taghhom u qal li bhal kull sena, huma jservu bhala ezempju haj ta' solidarjeta' favur il-batut. Il-gbir mill-Maratona ta' din is-sena ser isir b'risq id-Dar tal-Providenza, is-Sorijiet ta' Ursulini, Sliema u d-Dar Lourdes, Ghawdex.

Fr Charles Fenech OP, Direttur Generali tal-Movement li ippresieda fuq il-laqgha, qal li din kienet il-hdax il-edizzjoni ta' Premju Zaghzugh tas-Sena li ssir b'tifkira ta' Dr Rudolph Saliba, l-ewwel President tal-Moviment Kerygma. Presenti wkoll ghac-cerimonja tal-premjazzjoni ghalhekk kien hemm il-familja ta' Rudolph Saliba.

© Copyright 2004 - MaltaMedia Online Network

# 100 SENA TAL-BROTHERS F'MALTA
## *4 franġiskani jgħallmu fl-iskejjel tagħhom*

***Diversi attivitajiet ġew organizzzati biex ifakkru l-100 sena tal-Brothers f'Malta. F'nofs Mejju Mons. Sylvester Magro, OFM (ex-student) ġie mistieden biex imexxi żewġ quddisiet fil-parroċċa tal-Mosta fejn saru l-qofol tac-celebrazzjonijiet. Fil-preżent hemm jgħallmu u religious counsellors Fra Joe Caruana, Fra Ray Scicluna, Fra Paul Attard u Fra Charles Grech.***

Nhar is-Sibt, 15 ta' Mejju, 2004, ġiet iċċelebrata l-festa ta' San Ġwann Battista de la Salle, Franċiż, li hu wkoll il-qaddis protettur ta' l-għalliema. Fil-qasam edukattiv, De La Salle ħalla impatt fuq is-sistemi edukattivi Ewropej li nħolqu f'ħajtu u wara l-mewt tiegħu. Del La Salle mhux biss enfasizza l-importanza li t-tagħlim għandu jkun ugwali kemm għat-tfal tas-sinjuri u anki għal dawk tal-fqar, iżda fuq kollox waqqaf ordni reliġjuża, magħrufa bħala tal-"Freres" jew tal-Brothers ta' De La Salle li nxterdet mad-dinja kollha li toffri edukazzjoni ta' kwalita' lill-istudenti minn kull tip ta' klassi soċjali.



F'Malta l-Brothers qed jiċċelebraw l-100 sena mill-miġja tagħhom fi ġżiritna, fejn imexxu żewġ kulleġġi ewlenin, dak ta' Del La Salle fil-Kottonera u Stella Maris fil-Ġżira. Huma jamministraw ukoll l-Iskola San Benild f'Tas-Sliema fejn it-tfal minn ċkunithom jingħataw edukazzjoni li tgħin fl-iżvilupp tat-talenti tagħhom.



Kien fl-1875 meta l-Brother Renaux wasal Malta biex jiltaqa' ma' l-Isqof ta' dak iż-żmien, l-Isqof Buhagiar biex jistudjaw il-possibilta' li tit-waqqaf ordni tal-Brothers f'pajjiżna. L-isqof Buhagiar, li kien għadda xi snin fl-Afrika ta' Fuq, bħala isqof Awżiljarju tal-Kardinal Lavigerie kien entużjast bil-ħidma tal-Brothers minħabba li kellu diġa' opportunita' li jara l-ħidma dedikata tagħhom fl-Afrika. Illum il-komunita' tal-Brothers, immexxija minn Bro. Mario Zammit fsc, għadha tagħti l-kontribut tagħha fil-qasam edukattiv. Il-ħolma ta' San Ġwann għadha realta' anke fiż-żmienna.

*ikompli minn pagna 11*
conversions in strife-torn societies.

**Crucified Christ**

Striving to be an image of the suffering Christ, St Francis' joy wasthat of a poor man who received his Faith and everything else as a gift. Grateful to God, he blessed and admired the beauty of nature around him, singing praises. Focussing on the crucified Christ, owning nothing, he lived in a world of generosity. The common gentry, and also the nobility, were edified by his poverty,humility, and happiness in serving God and people.

St Francis grew up in violent, feudal wars, and in a community ripped apart by rivalries, ambitions, greed for power, and an influence of foreign cultures that aimed to interfere with the established religion of the people. He preached peace not only by his generous message, but also by his charismatic spirit of personal worldly detachments and intense love for Christ. He was successful.

The suffering of this new world is global and requires a global Christian presence. May people, everywhere, see each other and God through the eyes of the poverello St Francis of Assisi, the Herald of Peace.

---




**Is-Segreterija tal-Provinċja, flimkien ma' l-Għaqda Vokazzjonijiet Franġiskani għada kemm ippublikat ktejjeb ta' talb għall-vokazzjonijiet biex jingħadu fit-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u fl-Għasar. Hemm talb għal kull ġurnata tas-salterju.**



***ikompli mill-ewwel pagna***

Fost id-diversi ħidmiet li jwettqu Fra Joe huwa l-gwardjan tal-fraternita' ta' Tas-Sliema, Fra Ġwann huwa direttur fl-uffiċċju tal-komunikazzjoni tal-Kurja Ġeneraliżja f'Ruma, filwaqt li Fra Richard, huwa l-vigarju tal-fraternita' ta' Tas-Sliema u religious counsellor f'St. Francis School f'tas-Sliema. Nawgurawlhom.

Ad multos Annos!

---

## POSTULANT IĦALLI

**Tyron Grima ddeċieda li jtemm il-postulandat wara kważi sentejn fil-fraternita' tar-Rabat.**

# Jekk il-qalb tkun mimlija, l-id qatt ma tkun battala!

# GUNJU 2004

| IL-ĦADD | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦa | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 ta' Ġunju<br>Festa ta' Fra Anthony Vella, Fra Twanny Chircop, Fra Anthony Briffa, Fra Anton Farrugia | | 1<br>Festa ta'<br>Fra Gustino<br>Sciortino<br>Bidu tal-GIFRA<br>GOZO | 2<br>Festa<br>ta' Fra Marcellino<br>Micallef | 3 | 4 | 5<br>Lejliet il-festa<br>ta'<br>San Antnin<br>f'Għawdex |
| 6<br>Solennita'<br>Ta' Trinita'<br>Qaddisa<br>Festa ta' Fra Nor- | 7<br>Vejla ta' Talb<br>S. Marija ta' l-<br>Angli<br>9.00 p.m. | 8<br>Profesjoni<br>Solenni ta'<br>Fra Pierre<br>Hamrun | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13<br>Solennita' tal-<br>Ġisem u d-Demm<br>tal-Mulej | 14 | 15 | 16<br>Festa ta' Fra<br>Guido Schembri | 17<br>Definitorju Sliema<br>4.30 p.m. | 18<br>Solennita'<br>tal-Qalb<br>ta' Ġesu' | 19 |
| 20<br>XII Ħadd | 21 | 22 | 23 | 24<br>Solennita' tat-<br>Twelid<br>ta' San Ġwann<br>Battista | 25<br>Ordinazzjoni<br>Djakonat<br>Fra Pierre<br>Kattidral-<br>Gozo 5.45 p.m. | 26 |
| XIII Ħadd 27<br>Quddiesa<br>Sliema, 6.00 pm<br>25 Sena<br>Fra Joe Caruana | 28 | 29<br>Solennita' ta' San<br>Pietru u San Pawl | 30 | 24 ta' Ġunju<br>Festa ta' Fra Ġwann Azzopardi,<br>Fra Ġwann Abela u Fra John Muscat | | 29 ta' Ġunju<br>Festa ta' Fra Pietru Pawl Meilaq u Fra Pierre Farrugia |

FRANCISCAN FRIARS
PROVINCE OF ST. PAUL THE APOSTLE MALTA
ofm.org.mt



Fl-okkażjoni tal-professjoni solenni ta' Fra Pierre se ssir velja ta' talb fis-7 ta' Ġunju 2004, fil-knisja ta' Santa Marija ta' l-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq, fid-9.00 p.m.

## MINISTRU PROVINĊJAL TAL-PATRIJIET MINURI KAPPUĊĊINI

Fra Joe Alessandro OFMCap ġie magħżul bħala Ministru Provinċjal tal-Patrijiet Minuri Kappuċċini. Huwa ġie elett fil-Kapitlu Provinċjali li sar f'nofs Mejju. Ta' min jgħid li zijuh Vittorin Alessandro, OFM, kien missjunarju fiċ-Ċina, fl-Amerika Ċentrali u ta' Fuq.

ara wkoll paġna 3

## ... U TA' L-O.F.S.

Mr. Godwin Vella Clark ġie maħtur il-Ministru ta' l-O.F.S.

## F' DIN IL-ĦARĠA

### Ġunju 2004

| | |
|---|---|
| Aħbarijiet | 1 |
| Ittra tal-Ministru Provinċjal lill-Aħwa Patrijiet Minuri Kakpuċċini | 3 |
| Kustodju Ġdid għall-Art Imqaddsa | 4 |
| Intervista | |
| Mons. Robert Camilleri OFM | 8 |
| Ktieb ieħor minn Fra Noel Muscat | 9 |
| Riflessjoni | 11 |
| Viżitatur Ġenerali li baqa' jissemma | 12 |
| Zjajjar Franġiskani | 13 |
| Aħbarijiet | 14 |
| Kalendarju | 19 |

L-AĦBAR

EDITUR

fra marcellino micallef ofm
provofm@vol.net.mt

Kunvent Tal-Franġiskani
291, Triq San Pawl,
Valletta VLT 07

Tel. 21238218 Fax. 21231266